# Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SAUGMANDSGAARD ØE
ippreżentati fid-9 ta' Settembru 2020[1]

**Kawżi C-152/19 P u C-165/19 P**

**Deutsche Telekom AG** (C-152/19 P),
**Slovak Telekom a.s.** (C-165/19 P)
**vs**

**Il-Kummissjoni Ewropea**

"Appell – Kompetizzjoni – Abbuż minn pożizzjoni dominanti – Suq Slovakk tas-servizzi tal-internet broadband – Kundizzjonijiet stabbiliti mill-operatur preeżistenti għall-aċċess diżaggregat minn operaturi oħra għaċ-ċirkwit lokali – Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 102 TFUE u tal-Artikolu 54 tal-Ftehim ŻEE – Obbligu ta' aċċess impost mill-qafas regolamentari – Ġurisprudenza Bronner – Inapplikabbiltà – Imputabbiltà tal-aġir tas-sussidjarja lill-kumpannija omm – Kunċett ta' 'unità ekonomika' – Influwenza determinanti – Eżerċizzju effettiv – Sensiela ta' elementi konkordanti"

## I. Introduzzjoni

1. Dawn il-kawżi jistiednu lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tippreċiża mill-ġdid il-portata tas-sentenza Bronner[2] fi ħdan il-qafas ġuridiku tal-Artikolu 102 TFUE. Dik il-kawża kienet tikkonċerna r-rifjut, minn impriża dominanti, li tqiegħed infrastruttura li tagħha hija l-proprjetarja għad-dispożizzjoni ta' impriżi kompetituri.

2. Essenzjalment, l-appellanti, Deutsche Telekom AG (iktar 'il quddiem "DT") fil-Kawża C-152/19 P u Slovak Telekom a.s. (iktar 'il quddiem "ST") fil-Kawża C-165/19 P, jissuġġerixxu li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 41 ta' dik is-sentenza, b'mod partikolari dik dwar in-natura indispensabbli, għandhom jiġu applikati għar-rifjut ta' aċċess *impliċitu* li ma jirriżultax minn rifjut *espliċitu* mill-impriża dominanti, imma minn termini kuntrattwali inġusti.

3. Għar-raġunijiet li ser nesponi iktar 'il quddiem, ser nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tiċħad dan il-kunċett ta' "rifjut impliċitu ta' aċċess" u li ssostni l-portata limitata tas-sentenza Bronner. Fil-fehma tiegħi, is-sentenza Bronner hija, u għandha tibqa', każ partikolari fil-qafas ġuridiku tal-Artikolu 102 TFUE.

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] Sentenza tas-26 ta' Novembru 1998 (C-7/97, iktar 'il quddiem is-"sentenza Bronner", EU:C:1998:569).

4. Ser nipproponi wkoll lill-Qorti tal-Ġustizzja li tiċħad it-tieni u t-tielet aggravju mqajma minn DT fil-Kawża C-152/19 P. L-eżami ta' dawn l-aggravji ser jippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar fil-prinċipji dwar l-imputabbiltà tal-aġir ta' sussidjarja (ST) lill-kumpannija omm (DT), f'sitwazzjoni fejn il-parteċipazzjoni ta' din il-kumpannija omm fil-kapital tas-sussidjarja hija dgħajfa wisq sabiex tkun koperta bil-preżunzjoni "Akzo Nobel"[3].

## II. Il-kuntest fattwali u regolamentari tal-kawżi

5. Il-kuntest fattwali tal-kawżi ġie espost fil-punti 1 sa 11 tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni (iktar 'il quddiem is-"sentenza DT")[4], kif ukoll fil-punti 1 sa 11 tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali Slovak Telekom vs Il-Kummissjoni (iktar 'il quddiem is-"sentenza ST")[5]. Dan jista' jiġi espost fil-qosor kif ġej.

6. DT u ST huma, rispettivament, l-operaturi ta' telekomunikazzjonijiet preeżistenti fil-Ġermanja u fis-Slovakkja. B'effett mill-4 ta' Awwissu 2000 u matul il-perijodu kollu kopert bid-deċiżjoni kontenzjuża, jiġifieri mit-12 ta' Awwissu 2005 sal-31 ta' Diċembru 2010, DT kellha parteċipazzjoni ta' 51 % fil-kapital ta' ST.

7. Fil-kuntest tal-provvista ta' aċċess għall-internet, iċ-ċirkwit lokali huwa ċ-ċirkwit fiżiku ta' par metalliku milwi (imsejjaħ ukoll "il-linja") li jgħaqqad il-punt ta' terminazzjoni tan-network fil-bini tal-abbonat maċ-ċentrali prinċipali ta' distribuzzjoni jew ma' kull installazzjoni oħra ekwivalenti fin-network telefoniku pubbliku fiss.

8. L-aċċess diżaggregat għaċ-ċirkwit lokali jippermetti lill-operaturi li jkunu għadhom kif daħlu fis-suq, normalment imsejħa "operaturi alternattivi", jużaw l-infrastruttura tat-telekomunikazzjonijiet diġà eżistenti li tappartjeni lil dawn l-operaturi preeżistenti sabiex joffru diversi servizzi lill-utenti finali, f'kompetizzjoni mal-operaturi preeżistenti.

9. L-aċċess diżaggregat għaċ-ċirkwit lokali huwa rregolat fil-livell tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari, mir-Regolament (KE) Nru 2887/2000[6] u mid-Direttiva 2002/21/KE[7].

10. Essenzjalment, dan il-qafas regolamentari jobbliga lill-operatur, identifikat mill-awtorità regolatorja nazzjonali bħala l-operatur "li għandu saħħa sinjifikattiva fis-suq", li jagħti lill-operaturi alternattivi l-aċċess diżaggregat għaċ-ċirkwit lokali tiegħu u għas-servizzi konnessi taħt kundizzjonijiet trasparenti, ġusti u nondiskriminatorji u li jżomm aġġornata offerta ta' riferiment għal tali aċċess diżaggregat.

[3] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-10 ta' Settembru 2009, Akzo Nobel *et* vs Il-Kummissjoni (C-97/08 P, EU:C:2009:536, punti 60 u 63), u tas-27 ta' April 2017, Akzo Nobel *et* vs Il-Kummissjoni (C-516/15 P, EU:C:2017:314, punt 54).

[4] Sentenza tat-13 ta' Diċembru 2018 (T-827/14, EU:T:2018:930).

[5] Sentenza tat-13 ta' Diċembru 2018 (T-851/14, EU:T:2018:929).

[6] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar aċċess disassoċjat għal-linja lokali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 26, p. 83). Dan ir-regolament ġie mħassar bl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 li temenda d-Direttivi 2002/21/KE dwar qafas regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi, 2002/19/KE dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati, u 2002/20/KE dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (ĠU 2009, L 337, p. 37, rettifika fil-ĠU 2013, L 241, p. 8).

[7] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 349).

11. Wara analiżi tas-suq nazzjonali tagħha, l-awtorità regolatorja nazzjonali Slovakka fil-qasam tat-telekomunikazzjonijiet adottat, fit-8 ta' Marzu 2005, deċiżjoni li identifikat lil ST bħala operatur li għandu saħħa sinjifikattiva fis-suq bl-ingrossa għall-aċċess diżaggregat għaċ-ċirkwit lokali, fis-sens tar-Regolament Nru 2887/2000. Din id-deċiżjoni, ikkontestata minn ST, kienet ikkonfermata mill-President ta' din l-awtorità fl-14 ta' Ġunju 2005.

12. Sabiex teżegwixxi din id-deċiżjoni, ST ippubblikat l-offerta ta' riferiment tagħha fil-qasam ta' aċċess diżaggregat fit-12 ta' Awwissu 2005. Dan id-dokument, li kien emendat disa' darbiet bejn dik id-data u l-aħħar tal-2010, kien jistabbilixxi l-kundizzjonijiet kuntrattwali u tekniċi għal aċċess diżaggregat għaċ-ċirkwit lokali ta' ST.

13. L-offerta ta' ST kienet tkopri 75.7 % tad-djar Slovakki kif ukoll iċ-ċirkwiti lokali kollha li setgħu jintużaw biex jittrażmettu sinjal tal-broadband. Madankollu, matul il-perijodu bejn l-2005 u l-2010, kienu biss ftit ċirkwiti lokali ta' ST li kienu s-suġġett ta' aċċess diżaggregat, sa mit-18 ta' Diċembru 2009, u ntużaw minn operatur alternattiv wieħed biss sabiex jiġu pprovduti servizzi bl-imnut ta' broadband qawwi lil impriżi.

## III. Id-deċiżjoni kontenzjuża

14. Fil-15 ta' Ottubru 2014, il-Kummissjoni Ewropea adottat deċiżjoni li tissanzjona lil DT u ST minħabba ksur tal-Artikolu 102 TFUE u tal-Artikolu 54 tal-Ftehim ŻEE (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża") fis-suq Slovakk tas-servizzi tal-internet broadband[8].

15. Fid-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni kkonstatat li l-impriża li jifformaw DT u ST wettqet ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 102 TFUE u tal-Artikolu 54 tal-Ftehim ŻEE fir-rigward tas-servizzi broadband fis-Slovakkja matul il-perijodu bejn it-12 ta' Awwissu 2005 u l-31 ta' Diċembru 2010, fir-rigward tal-kundizzjonijiet li fihom ST offriet aċċess diżaggregat għaċ-ċirkwit lokali tagħha.

16. B'mod partikolari, il-ksur ikkonstatat mill-Kummissjoni kien jikkonsisti fil-prattiki segwenti:

– ħabi mill-operaturi alternattivi ta' informazzjoni dwar in-network neċessarja għall-aċċess diżaggregat għaċ-ċirkwiti lokali;

– tnaqqis tal-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi ta' ST fir-rigward tal-aċċess diżaggregat għaċ-ċirkwiti lokali;

– stabbiliment ta' modalitajiet u kundizzjonijiet inġusti fl-offerta ta' riferiment ta' ST fil-qasam tal-aċċess diżaggregat fir-rigward tal-kollokazzjoni, il-klassifikazzjoni, il-previżjonijiet, it-tiswija u l-garanziji bankarji; u

– applikazzjoni ta' tariffi inġusti li ma jippermettux lil operatur daqstant effikaċi abbażi tal-aċċess bl-ingrossa għaċ-ċirkwiti lokali b'aċċess diżaggregat ta' ST li jirriproduċi s-servizzi bl-imnut offruti minn ST mingħajr ma jsofri telf.

17. Il-Kummissjoni imponiet multa ta' EUR 38 838 000 fuq DT u ST *in solidum*, kif ukoll multa ta' EUR 31 070 000 fuq DT.

[8] Deċiżjoni C(2014) 7465 final (Każ AT.39523 – Slovak Telekom). Din id-deċiżjoni ġiet irrettifikata bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 10119 final tas-16 ta' Diċembru 2014 u bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 2484 final tas-17 ta' April 2015.

## IV. Il-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenzi appellati

### *A. Is-sentenza DT*

18. Insostenn tar-rikors tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali, DT invokat ħames motivi bbażati rispettivament fuq:

– żbalji ta' liġi u ta' fatt fl-applikazzjoni tal-Artikolu 102 TFUE f'dak li jikkonċerna l-aġir abbużiv ta' ST kif ukoll fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża;

– żbalji ta' liġi u ta' fatt fir-rigward tat-tul tal-aġir abbużiv ta' ST;

– żbalji ta' liġi u ta' fatt fl-imputazzjoni lil DT tal-aġir abbużiv ta' ST, sa fejn il-Kummissjoni ma pprovatx l-eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti minn DT fuq ST;

– ksur tal-kunċett ta' "impriża" fis-sens tad-dritt tal-Unjoni u tal-prinċipju ta' individwalizzazzjoni tal-pieni kif ukoll fuq nuqqas ta' motivazzjoni; u

– żbalji fil-kalkolu tal-ammont tal-multa imposta fuq DT u fuq ST.

19. Bis-sentenza DT, il-Qorti Ġenerali annullat parzjalment id-deċiżjoni kontenzjuża. Hija mbagħad stabbilixxiet l-ammont tal-multa imposta fuq DT *in solidum* fl-ammont ta' EUR 38 061 963 u l-multa imposta fuq DT waħedha fl-ammont ta' EUR 19 030 981. Hija ċaħdet il-kumplament tar-rikors ta' DT.

### *B. Is-sentenza ST*

20. Insostenn tar-rikors tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali, ST invokat ħames motivi bbażati rispettivament fuq:

– żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u ta' liġi fl-applikazzjoni tal-Artikolu 102 TFUE;

– ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħha f'dak li jikkonċerna l-evalwazzjoni tal-prattika li wasslet għall-kompressjoni tal-marġni;

– żbalji mwettqa fil-konstatazzjoni tal-kompressjoni tal-marġni;

– żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u ta' liġi meta l-Kummissjoni kkonkludiet li hija u DT kienu jifformaw impriża unika u li t-tnejn kienu responsabbli għall-ksur inkwistjoni;

– sussidjarjament, żbalji fid-determinazzjoni tal-ammont tal-multa.

21. Bis-sentenza ST, il-Qorti Ġenerali annullat parzjalment id-deċiżjoni kontenzjuża. Hija mbagħad stabbilixxiet l-ammont tal-multa imposta fuq ST *in solidum* fl-ammont ta' EUR 38 061 963. Hija ċaħdet il-kumplament tar-rikors ta' ST.

## V. Fuq l-appelli ppreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

### *A. L-appell ippreżentat minn DT mis-sentenza DT*

22. Insostenn tal-appell tagħha mis-sentenza DT fil-Kawża C-152/19 P, DT tqajjem erba' aggravji bbażati rispettivament fuq:

– l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni żbaljati tal-prinċipju li, sabiex jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 102 TFUE, ir-rifjut ta' aċċess jeħtieġ li l-aċċess mitlub ikun indispensabbli għall-attività eżerċitata f'suq downstream;

– l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni żbaljati tal-prinċipju li jirrikjedi li l-influwenza determinanti ta' kumpannija omm fuq is-sussidjarja tagħha tkun ġiet eżerċitata realment, sabiex ksur tal-Artikolu 102 TFUE imwettaq mis-sussidjarja jkun jista' jiġi imputat lill-kumpannija omm tagħha;

– l-applikazzjoni żbaljata tal-prinċipju li jirrikjedi li s-sussidjarja tkun applikat essenzjalment l-istruzzjonijiet li ngħatawlha mill-kumpannija omm, sabiex ksur tal-Artikolu 102 TFUE mwettaq mis-sussidjarja jkun jista' jiġi imputat lill-kumpannija omm; u

– ksur tad-dritt għal smigħ matul il-proċedura amministrattiva.

23. Barra minn hekk, DT titlob li tibbenefika mill-possibbli aċċettazzjoni, mill-Qorti tal-Ġustizzja, ta' aggravju mqajjem minn ST fil-Kawża C-165/19 P, li għandu l-istess suġġett bħat-tielet parti tal-ewwel motiv imqajjem minn DT quddiem il-Qorti Ġenerali, jiġifieri l-qafas tal-kalkolu tal-ispejjeż marġinali medji fit-tul bħala bażi tal-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' kompressjoni tal-prezzijiet abbużiva.

24. Fit-talbiet tal-appell tagħha, DT titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata sa fejn din ċaħdet ir-rikors tagħha;

– tannulla, kompletament jew parzjalment, sa fejn din tikkonċernaha, id-deċiżjoni kontenzjuża u, sussidjarjament, tannulla jew tnaqqas il-multi li din imponiet fuqha;

– sussidjarjament, tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċiedi mill-ġdid; u

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż kollha relatati ma' din il-proċedura u mal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.

25. Il-Kummissjoni titlob li l-appell jiġi miċħud u li DT tiġi kkundannata tbati l-ispejjeż.

### *B. L-appell ippreżentat minn ST mis-sentenza ST*

26. Insostenn tal-appell tagħha mis-sentenza ST fil-Kawża C-165/19 P, ST tqajjem tliet aggravji bbażati rispettivament fuq:

– żbalji ta' liġi fil-konstatazzjoni ta' abbuż fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE li jikkonsisti f'rifjut li tidħol f'kuntratt;

– ksur tad-drittijiet tad-difiża fl-evalwazzjoni tal-kompressjoni tal-marġni; u

– żbalji ta' liġi fl-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' kompressjoni tal-marġni.

27. Barra minn hekk, ST titlob li tibbenefika mill-possibbli aċċettazzjoni, mill-Qorti tal-Ġustizzja, ta' aggravju imqajjem minn DT fil-Kawża C-152/19 P, li għandu suġġett identiku għal dak tar-raba' motiv imqajjem minn ST quddiem il-Qorti Ġenerali, jiġifieri l-konstatazzjoni mill-Kummissjoni li DT u ST jifformaw impriża unika u kienu t-tnejn responsabbli għall-allegat ksur ta' ST.

28. Fit-talbiet tal-appell tagħha, ST titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla kompletament jew parzjalment is-sentenza appellata;

– tannulla kompletament jew parzjalment id-deċiżjoni kontenzjuża;

– sussidjarjament, tannulla jew tnaqqas l-ammont tal-multa li ġiet imposta fuqha; u

– tikkundanna lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż ta' din il-proċedura u ta' dik quddiem il-Qorti Ġenerali.

29. Il-Kummissjoni titlob li l-appell jiġi miċħud u li ST tiġi kkundannata tbati l-ispejjeż.

## VI. Fuq il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

30. Fil-Kawża C-152/19 P, DT ippreżentat l-appell tagħha mis-sentenza DT fil-21 ta' Frar 2019. Il-Kummissjoni ppreżentat osservazzjonijiet bil-miktub.

31. Fil-Kawża C-165/19 P, ST ippreżentat l-appell tagħha mis-sentenza ST fit-22 ta' Frar 2019. Il-Kummissjoni ppreżentat osservazzjonijiet bil-miktub.

32. Il-Kummissjoni, DT u ST ipparteċipaw fis-seduta tas-17 ta' Ġunju 2020, komuni għaż-żewġ kawżi, sabiex jippreżentaw is-sottomissjonijiet orali tagħhom.

## VII. Analiżi

33. Konformement mat-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja, dawn il-konklużjonijiet ser jikkonċentraw fuq l-ewwel tliet aggravji mqajma minn DT fil-Kawża C-152/19 P u fuq l-ewwel aggravju imqajjem minn ST fil-Kawża C-165/19 P.

### *A. Fuq l-ewwel aggravju ta' DT u l-ewwel aggravju ta' ST*

34. L-ewwel aggravju ta' DT u l-ewwel aggravju ta' ST huma t-tnejn ibbażati fuq żbalji ta' liġi allegatament imwettqa mill-Qorti Ġenerali f'dak li jikkonċerna l-kundizzjoni dwar in-natura indispensabbli stabbilita fis-sentenza Bronner għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' prattika abbużiva fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE.

35. Dawn iż-żewġ aggravji fil-biċċa l-kbira jikkoinċidu, l-istess bħall-partijiet rilevanti tas-sentenza DT (punti 86 sa 116) u tas-sentenza ST (punti 92 sa 154), b'mod li jistgħu utilment jiġu ttrattati flimkien.

36. Qabel ma nibda l-eżami tal-argumenti invokati minn ST u DT, nemmen li jkun utli li nfakkar il-kontenut tal-prattiki kkonċernati.

37. Mill-punti 92 sa 94 tas-sentenza DT, kif ukoll mill-punti 113 u 114 tas-sentenza ST, jirriżulta li DT u ST ma kkontestawx l-eżistenza tal-aġir ikkonstatat mill-Kummissjoni fis-seba' parti tad-deċiżjoni kontenzjuża (iktar 'il quddiem il-"prattiki inkwistjoni"), jiġifieri:

– ħabi mill-operaturi alternattivi ta' informazzjoni dwar in-network ta' ST u neċessarja għall-aċċess diżaggregat għaċ-ċirkwit lokali minn dan l-operatur;

– it-tnaqqis minn ST tal-obbligi tagħha fir-rigward tal-aċċess diżaggregat riżultanti mill-qafas regolamentari applikabbli; u

– l-istabbiliment minn ST ta' diversi modalitajiet u kundizzjonijiet inġusti fl-offerta ta' riferiment tagħha fil-qasam tal-aċċess diżaggregat.

38. Dawn l-elementi fattwali ma ġewx ikkontestati quddiem il-Qorti Ġenerali u għaldaqstant għandhom jiġu kkunsidrati bħala definittivament stabbiliti fil-kuntest ta' din il-proċedura.

### *1. Sunt tal-argumenti invokati minn DT u ST*

39. DT u ST jargumentaw, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet b'mod żbaljat li, sabiex tikklassifika l-prattiki inkwistjoni bħala "ksur uniku u kontinwat" tal-Artikolu 102 TFUE, il-Kummissjoni ma kinitx obbligata li tipprova li l-aċċess għaċ-ċirkwit lokali kien indispensabbli, fis-sens tas-sentenza Bronner, għall-eżerċizzju tal-attività tal-fornituri kompetituri fuq is-suq bl-imnut tal-massa, fir-rigward tal-eżistenza ta' obbligu ta' għoti regolamentari.

40. Għal raġunijiet ta' ċarezza, ser insegwi l-istruttura tal-ewwel aggravju imqajjem minn ST, li huwa maqsum f'ħames partijiet.

41. Fil-kuntest tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju tagħha, ST tallega, minn naħa, li l-Qorti Ġenerali kkonkludiet b'mod żbaljat, fil-punti 151 u 152 tas-sentenza ST, li l-kundizzjonijiet mitluba mis-sentenza Bronner, għall-fini tal-applikazzjoni tal-Artikolu 102 TFUE, ma humiex applikabbli meta jeżisti obbligu regolamentari ta' aċċess *ex ante*. Din il-konklużjoni ma tiħux inkunsiderazzjoni l-fatt li l-kontroll *ex post* taħt l-Artikolu 102 TFUE huwa fundamentalment differenti mill-kontrolli regolamentari mwettqa *ex ante* mill-awtorità regolatorja Slovakka fil-qasam tat-telekomunikazzjonijiet [9].

42. ST targumenta, min-naħa l-oħra, li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat b'mod żbaljat, fil-punt 121 tas-sentenza ST, li ma kienx neċessarju għall-Kummissjoni li tivverifika jekk il-kundizzjoni tas-sentenza Bronner dwar in-"natura indispensabbli" kinitx issodisfatta, għar-raġuni li regolament *ex ante* kien diġà rrikonoxxa n-"neċessità" ta' aċċess għaċ-ċirkwit lokali tal-appellanti.

[9] Ara l-punt 11 ta' dawn il-konklużjonijiet.

Fil-fatt, l-evalwazzjoni tan-"neċessità" imwettqa skont il-qafas regolamentari hija fundamentalment differenti mill-evalwazzjoni tal-"natura indispensabbli" imwettqa taħt l-Artikolu 102 TFUE.

43. B'mod simili, DT targumenta li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet b'mod żbaljat, fil-punt 101 tas-sentenza DT, li l-obbligu ta' aċċess regolamentari jissostitwixxi n-natura indispensabbli tal-aċċess fis-sens tas-sentenza Bronner. Imma obbligu ta' aċċess regolamentari, impost *ex ante*, u r-rekwiżit ta' natura indispensabbli fis-sens tas-sentenza Bronner, eżaminat *ex post*, jirrispondu għal kunsiderazzjonijiet fundamentalment differenti.

44. DT tikkritika wkoll ir-riferiment, fil-punt 97 tas-sentenza DT, għas-sentenza Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni [10], għaliex din is-sentenza ma tikkonċernax ir-relazzjoni bejn l-obbligu ta' aċċess regolamentari u n-natura indispensabbli fis-sens tas-sentenza Bronner.

45. Bit-tieni parti, ST issostni li, fil-punti 126 u 127 tas-sentenza ST, il-Qorti Ġenerali ddeduċiet b'mod żbaljat mis-sentenza TeliaSonera Sverige [11] li l-kundizzjonijiet Bronner ma kinux applikabbli. ST tenfasizza li l-punti 55 sa 58 tas-sentenza TeliaSonera Sverige jikkonċernaw prattika ta' kompressjoni tal-marġni, filwaqt li din il-kumpannija hija akkużata b'rifjut li tikkonkludi kuntratt mal-operaturi alternattivi. Skont ST, dan ir-rifjut għandu jiġi evalwat fid-dawl tal-ġurisprudenza dwar ir-rifjut li jiġu konkluż kuntratt, li minnha tifforma parti s-sentenza Bronner.

46. DT tressaq argument simili sabiex tallega l-eżistenza ta' żball ta' liġi fil-punt 109 tas-sentenza DT.

47. Bit-tielet parti, ST tallega li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fil-punti 138 u 139 tas-sentenza ST meta ddeċidiet li s-sentenza tal-Qorti Ġenerali Clearstream vs Il-Kummissjoni [12] ma kinitx rilevanti sabiex jiġi evalwat l-aġir ta' ST għar-raġuni li, f'din l-aħħar kawża, ma kienx jeżisti obbligu regolamentari li jiġi pprovdut is-servizz inkwistjoni u l-impriża dominanti ma kinitx żviluppat il-pożizzjoni kummerċjali tagħha fil-kuntest ta' monopolju legali.

48. Bir-raba' parti, ST targumenta li, fil-punti 133 u 134 tas-sentenza ST, il-Qorti Ġenerali kkonfermat b'mod żbaljat li, sabiex jiġi kklassifikat bħala abbużiv fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE, rifjut espliċitu jew kategoriku li jiġi konkluż kuntratt għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet stretti tas-sentenza Bronner, filwaqt li dawn il-kundizzjonijiet ma humiex applikabbli fil-każ ta' rifjut impliċitu li jiġi konkluż kuntratt. Din il-pożizzjoni tal-Qorti Ġenerali twassal sabiex aġir iktar gravi (ir-rifjut espliċitu li jiġi konkluż kuntratt) jiġi ttrattat b'mod iktar favorevoli minn aġir inqas gravi (ir-rifjut impliċitu li jiġi konkluż kuntratt). Skont ST, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali hija wkoll ivvizzjata minn nuqqas ta' motivazzjoni f'dan ir-rigward.

49. DT invokat argument simili fir-rigward tal-punt 111 tas-sentenza DT, filwaqt li tikkritika d-differenza fit-trattament bejn ir-rifjut *espliċitu* ta' aċċess, bħal dak inkwistjoni fis-sentenza Bronner, u r-rifjut *impliċitu* ta' aċċess, bħal dak inkwistjoni fil-kawża ineżami.

50. Bil-ħames u l-aħħar parti, ST targumenta li, fil-punti 153 u 154 tas-sentenza ST, il-Qorti Ġenerali qieset b'mod żbaljat li l-monopolju preċedenti tal-Istat miżmum minn ST kien jikkostitwixxi bażi legali għan-nuqqas ta' applikazzjoni tal-kundizzjonijiet Bronner. ST issostni li

[10] Sentenza tal-14 ta' Ottubru 2010 (C-280/08 P, EU:C:2010:603).

[11] Sentenza tas-17 ta' Frar 2011 (C-52/09, EU:C:2011:83).

[12] Sentenza tad-9 ta' Settembru 2009 (T-301/04, EU:T:2009:317).

l-unika sentenza ċċitata mill-Qorti Ġenerali f'dan ir-rigward, jiġifieri s-sentenza Post Danmark[13], bl-ebda mod ma ssostni din il-pożizzjoni. ST iżżid li s-sentenza Bronner tirrikjedi evalwazzjoni tan-natura indispensabbli fil-mument tal-abbuż allegat, b'mod li l-eżistenza ta' monopolju legali fil-passat ma jkollha l-ebda rilevanza.

## *2. Risposta għall-argumenti invokati minn DT u ST*

51. L-argumenti kollha invokati minn DT u ST huma bbażati fuq premessa waħda, jiġifieri li n-natura abbużiva tal-prattiki inkwistjoni ma setgħetx tiġi kkonstatata mingħajr ma tiġi vverifikata n-natura indispensabbli fis-sens tas-sentenza Bronner.

52. Fi kliem ieħor, jekk is-sentenza Bronner ma tikkostitwixxix awtorità rilevanti għall-evalwazzjoni tan-natura abbużiva ta' dawn il-prattiki, l-argumenti kollha ta' DT u ST ikollhom jiġu miċħuda bħala infondati jew ineffettivi.

53. Issa, jien fil-fatt konvint li s-sentenza Bronner ma hijiex rilevanti fil-kawża ineżami, għar-raġunijiet segwenti.

54. B'mod iktar ġenerali, din il-kawża tirrappreżenta opportunità għall-Qorti tal-Ġustizzja li tikkjarifika l-portata tas-sentenza Bronner, li kienet is-suġġett ta' diversi mistoqsijiet waqt is-seduta.

55. Essenzjalment, iktar 'il quddiem ser nuri li s-sentenza Bronner tirrappreżenta każ partikolari fil-qafas ġuridiku tal-Artikolu 102 TFUE. Il-portata ta' il-każ partikolari għandha tiġi interpretata b'mod ristrett sabiex jitħares l-effett utli tal-Artikolu 102 TFUE[14]. Fi kliem ieħor, il-prinċipju huwa li l-kundizzjonijiet Bronner ma humiex applikabbli għall-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' ksur tal-Artikolu 102 TFUE.

### *a) Fuq il-każ partikolari previst u l-kundizzjonijiet stabbiliti fis-sentenza Bronner*

56. Il-każ partikolari previst mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Bronner ġie identifikat kjarament fil-punt 37 ta' din is-sentenza: essenzjalment, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk jistax jiġi kklassifikat bħala "prattika abbużiva", fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE, "il-fatt li s-sid tal-unika sistema ta' kunsinna fid-djar eżistenti fuq skala nazzjonali fit-territorju ta' Stat Membru, li juża din is-sistema għad-distribuzzjoni tal-gazzetti ta' kuljum tiegħu stess, jirrifjuta l-aċċess għal din is-sistema lill-editur ta' gazzetta kompetitriċi".

57. Fi kliem ieħor, il-każ partikolari previst fis-sentenza Bronner huwa dak ta' rifjut, minn impriża dominanti, li tqiegħed infrastruttura li tagħha hija l-proprjetarja – f'dak il-każ sistema ta' kunsinna fid-djar – għad-dispożizzjoni ta' impriża jew impriżi kompetituri. Għas-sempliċità, fil-kumplament ta' dawn il-konklużjonijiet, ser nuża l-frażi "rifjut ta' tqegħid għad-dispożizzjoni" sabiex nirreferi għal dan il-każ partikolari.

13 Sentenza tas-27 ta' Marzu 2012 (C-209/10, EU:C:2012:172, punt 23).

14 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Frar 2011, TeliaSonera Sverige (C-52/09, EU:C:2011:83, punt 58).

58. Din il-kwistjoni ta' prinċipju ma hijiex fundamentalment differenti minn dik dwar il-limiti li jistgħu jiġu imposti taħt l-Artikolu 102 TFUE fuq l-eżerċizzju mid-detentur ta' dritt ta' proprjetà intellettwali tad-dritt esklużiv tiegħu. Dan jispjega d-diversi riferimenti għas-sentenza RTE u ITP vs Il-Kummissjoni, magħrufa wkoll bħala "is-sentenza Magill" [15], fis-sentenza Bronner.

59. Fil-punt 41 tas-sentenza Bronner, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet diversi kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex rifjut ta' tqegħid għad-dispożizzjoni jkun jista' jikkostitwixxi prattika abbużiva fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE. Sabiex nikkwota l-kliem użat mill-Qorti tal-Ġustizzja, għal dan il-għan huwa meħtieġ "mhux biss li r-rifjut tas-servizz ifformat mill-kunsinna fid-djar ikun tali li jelimina kull kompetizzjoni fuq is-suq tal-gazzetti ta' kuljum min-naħa ta' min jitlob is-servizz u ma jkunx jista' jiġi oġġettivament iġġustifikat, imma wkoll li s-servizz fih innifsu jkun indispensabbli għall-eżerċizzju tal-attività ta' dan tal-aħħar, fis-sens li ma jeżisti l-ebda sostitut reali jew potenzjali għall-imsemmija sistema ta' kunsinna fid-djar".

60. Mill-qari tal-punt 41 tas-sentenza Bronner, jien niddeduċi tliet kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex rifjut ta' tqegħid għad-dispożizzjoni jkun jista' jiġi kklassifikat bħala "abbużiv" (iktar 'il quddiem il-"kundizzjonijiet Bronner"):

– ir-rifjut ta' tqegħid għad-dispożizzjoni għandu jkun tali li jelimina kwalunkwe kompetizzjoni fuq is-suq rilevanti min-naħa tal-impriża kompetitriċi;

– dan ir-rifjut ma jkunx iġġustifikat oġġettivament;

– l-infrastruttura inkwistjoni għandha tkun indispensabbli għall-eżerċizzju tal-attività tal-impriża kompetitriċi, fis-sens li ma jeżisti l-ebda sostitut reali jew potenzjali.

***b) Fuq l-interessi inkwistjoni f'din il-kawża għall-politika tal-kompetizzjoni fi ħdan l-Unjoni***

61. Skont DT u ST, il-prattiki inkwistjoni jistgħu jiġu kklassifikati bħala "abbużivi", fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE, biss jekk il-kundizzjonijiet Bronner jkunu ssodisfatti kumulattivament. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni targumenta li l-ġurisprudenza Bronner ma hijiex applikabbli għal aġir bħal dan.

62. Nixtieq nenfasizza, f'dan l-istadju, l-interessi inkwistjoni f'din il-kawża, li jmorru ferm lil hinn mis-sempliċi tilwima bejn dawn il-partijiet.

63. Il-kundizzjonijiet Bronner jissuġġettaw il-konstatazzjoni ta' prattika abbużiva għal standard ġuridiku partikolarment għoli. Huma jirrappreżentaw, b'xi mod, "quċċata" fil-qafas ġuridiku tal-Artikolu 102 TFUE.

64. Għaldaqstant, kwalunkwe estensjoni tal-portata tal-ġurisprudenza Bronner timplika, loġikament, tnaqqis tal-effett utli tal-Artikolu 102 TFUE kif ukoll, fl-istess waqt, tnaqqis tas-setgħa tal-Kummissjoni li tiġġieled kontra l-prattiki abbużivi. Fil-prattika, il-Kummissjoni ser tkun obbligata tressaq provi notevolment iktar onerużi sabiex tikkonstata l-eżistenza ta' prattika abbużiva. B'mod korrispondenti, l-impriżi f'pożizzjoni dominanti ser igawdu minn marġni ta' manuvra ikbar, billi l-aġir tagħhom ser ikun sanzjonabbli biss fl-ipoteżi li l-kundizzjonijiet Bronner *kollha* jkunu ssodisfatti.

[15] Sentenza tas-6 ta' April 1995 (C-241/91 P u C-242/91 P, EU:C:1995:98).

65. B'mod iktar grafiku, kwalunkwe estensjoni tal-ġurisprudenza Bronner twassal sabiex jiġi pprojbit biss "abbuż superlattiv" ta' pożizzjoni dominanti, jiġifieri l-prattiki abbużivi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet Bronner. Min-naħa l-oħra, *mhux ser tibqa' iktar issanzjonata* kwalunkwe prattika ta' impriża f'pożizzjoni dominanti li taqa' f'*xi wieħed mit-tliet każijiet partikolari segwenti*:

– prattika li ma teliminax il-kompetizzjoni *kollha* fis-suq rilevanti min-naħa tal-impriża kompetitriċi (l-oppost tal-ewwel kundizzjoni Bronner);

– prattika li hija ġġustifikata oġġettivament (l-oppost tat-tieni kundizzjoni Bronner); *jew*

– prattika li ma tikkonċernax prodotti jew servizzi indispensabbli għall-eżerċizzju tal-attività tal-impriża kompetitriċi (l-oppost tat-tielet kundizzjoni Bronner).

### *c) Fuq l-iskop tal-kundizzjonijiet Bronner*

66. Issa li ġew esposti l-interessi inkwistjoni f'din il-kawża, għandu jiġi investigat l-iskop tal-kundizzjonijiet Bronner, li ma humiex previsti, bħala tali, fit-test tal-Artikolu 102 TFUE.

67. Għaliex il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet standard legali ogħla għall-evalwazzjoni tan-natura abbużiva ta' rifjut ta' tqegħid għad-dispożizzjoni, filwaqt li l-prattiki l-oħra tal-impriżi dominanti – bħall-iffissar ta' prezz inġust [16], ta' kompressjoni tal-prezzijiet [17] jew ta' kundizzjonijiet kuntrattwali oħra inġusti [18] – għandhom jiġu eżaminati mingħajr ma jiġu applikati l-kundizzjonijiet Bronner?

68. Fil-fehma tiegħi, it-tweġiba għal din il-mistoqsija tinsab esposta b'mod ċar fil-konklużjonijiet ippreżentati mill-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża Bronner [19]. Essenzjalment, teżisti differenza fundamentali bejn, minn naħa, l-issanzjonar tal-*kundizzjonijiet* ta' ftehim, b'mod partikolari l-prezz miftiehem, għar-raġuni li dawn jibbenefikaw impriża li, minħabba l-pożizzjoni dominanti tagħha, ma hijiex suġġetta għad-dixxiplina tas-suq u, min-naħa l-oħra, l-issanzjonar ta' *rifjut ta' tqegħid għad-dispożizzjoni*. Sanzjonar ta' rifjut ta' tqegħid għad-dispożizzjoni, li jfisser li impriża tiġi obbligata tidħol fi ftehim, huwa kunsiderevolment iktar restrittiv għal-libertà tal-impriżi.

69. Hija din id-differenza fil-kwalità li tiġġustifika l-istandard legali ogħla stabbilit fis-sentenza Bronner. Dan huwa wkoll l-iskop tad-duttrina ta' infrastruttura neċessarja ("essential facilities") fid-dritt tal-kompetizzjoni tal-Istati Uniti, li ġiet esposta fid-dettall mill-Avukat Ġenerali Jacobs fil-punti 45 *et seq.* tal-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Bronner. Barra minn hekk, huwa kkjarifika din id-differenza fil-kwalità billi enfasizza l-eżistenza ta' bbilanċjar doppju.

70. L-ewwel ibbilanċjar huwa bejn id-drittijiet fundamentali u l-kompetizzjoni libera.

[16] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-13 ta' Novembru 1975, General Motors Continental vs Il-Kummissjoni (26/75, EU:C:1975:150, punti 11 u 12); tal-11 ta' Novembru 1986, British Leyland vs Il-Kummissjoni (226/84, EU:C:1986:421, punti 27 sa 30); tat-13 ta' Lulju 1989, Tournier (395/87, EU:C:1989:319, punt 38); tas-17 ta' Mejju 2001, TNT Traco (C-340/99, EU:C:2001:281, punti 46 u 47); tal-11 ta' Diċembru 2008, Kanal 5 u TV 4 (C-52/07, EU:C:2008:703, punti 28 u 29); tas-16 ta' Lulju 2009, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland vs Il-Kummissjoni (C-385/07 P, EU:C:2009:456, punti 141 u 142); tas-27 ta' Frar 2014, OSA (C-351/12, EU:C:2014:110, punti 87 u 88); u tal-14 ta' Settembru 2017, Autortiesību un komunicēšanās konsultāciju aģentūra – Latvijas Autoru apvienība (C-177/16, EU:C:2017:689, punti 35 sa 51).

[17] Sentenzi tas-17 ta' Frar 2011, TeliaSonera Sverige (C-52/09, EU:C:2011:83, punti 54 u 55), u tal-10 ta' Lulju 2014, Telefónica u Telefónica de España vs Il-Kummissjoni (C-295/12 P, EU:C:2014:2062, punt 75).

[18] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Novembru 2001, AAMS vs Il-Kummissjoni (T-139/98, EU:T:2001:272, punt 76), u d-digriet tat-28 ta' Settembru 2006, Unilever Bestfoods vs Il-Kummissjoni (C-552/03 P, EU:C:2006:607, punt 137).

[19] C-7/97, EU:C:1998:264.

71. Fil-punt 56 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-Avukat Ġenerali Jacobs spjega kif "id-dritt li wieħed jagħżel is-sieħba kuntrattwali tiegħu u li jiddisponi liberament mill-proprjetà tiegħu huma prinċipji stabbiliti universalment fis-sistemi ġuridiċi tal-Istati Membri, u xi drabi għandhom natura kostituzzjonali. Il-ksur ta' dawn id-drittijiet jeħtieġ li jiġi ġġustifikat bir-reqqa".

72. Minn dak iż-żmien lil hawn, l-Artikoli 16 u 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea stabbilixxew, rispettivament, il-libertà ta' intrapriża, li tinkludi l-libertà kuntrattwali [20], u d-dritt għall-proprjetà.

73. L-obbligu li jista' jiġi impost fuq l-impriża f'pożizzjoni dominanti skont l-Artikolu 102 TFUE, li jinvolvi li tiġi mġiegħla tqiegħed infrastruttura li tagħha hija l-proprjetarja għad-dispożizzjoni ta' impriżi kompetituri, jimplika ksur gravi u speċifiku tal-libertà kuntrattwali u tad-dritt għall-proprjetà ta' din il-impriża.

74. Huwa minħabba dan il-ksur gravi u speċifiku tad-drittijiet fundamentali hawn fuq imsemmi li l-Qorti tal-Ġustizzja, korrettament, imponiet kundizzjonijiet supplimentari għall-applikazzjoni tal-Artikolu 102 TFUE f'tali każ partikolari. Meta għamlet dan, il-Qorti tal-Ġustizzja wettqet ibbilanċjar bejn, minn naħa, il-ksur – iktar gravi – tad-drittijiet fundamentali tal-impriża f'pożizzjoni dominanti li jikkonsisti fl-obbligu ta' tqegħid għad-dispożizzjoni tal-proprjetà tagħha u, min-naħa l-oħra, il-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni – iktar stretti – tal-Artikolu 102 TFUE f'każ partikolari bħal dan, jiġifieri l-kundizzjonijiet Bronner.

75. It-tieni bbilanċjar huwa bejn il-benefiċċji għal żmien qasir u l-benefiċċji għal żmien twil għall-kompetizzjoni kif ukoll, fl-aħħar mill-aħħar, għall-konsumaturi.

76. Fil-punt 57 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-Avukat Ġenerali Jacobs jinnota, f'dan ir-rigward, li "l-ġustifikazzjoni, fuq il-livell tal-politika tal-kompetizzjoni, ta' indħil fil-libertà kuntrattwali ta' impriża dominanti ta' sikwit tirrikjedi li jsir ibbilanċjar bir-reqqa ta' kunsiderazzjonijiet diverġenti. F'perijodu fit-tul ikun ġeneralment favorevoli għall-kompetizzjoni u fl-interess tal-konsumaturi li kumpannija tkun tista' żżomm għall-użu tagħha l-faċilitajiet li tkun żviluppat għall-iskop tan-negozju tagħha […] Minbarra dan, l-inċentiv għal impriża dominanti li tinvesti f'faċilitajiet effiċjenti jonqos jekk il-kompetituri tagħha jkunu jistgħu, fuq talba, jaqsmu l-benefiċċji".

77. Fil-punt 62 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-Avukat Ġenerali Jacobs jesprimi kunsiderazzjonijiet simili f'dak li jikkonċerna r-rifjut li tingħata liċenzja dwar drittijiet ta' proprjetà intellettwali: "[l]-għoti ta' tali drittijiet esklużivi għal perijodu limitat jimplika, fih innifsu, l-ibbilanċjar bejn l-interess li tirrappreżenta l-kompetizzjoni libera u dak ta' inkoraġġiment tar-riċerka u tal-żvilupp kif ukoll tal-kreattività. Għaldaqstant kienet korretta l-Qorti tal-Ġustizzja meta ddeċidiet li, fl-assenza ta' fatturi oħra, ir-rifjut ta' approvazzjoni ta' liċenzja ma jikkostitwixxix abbuż fih innifsu".

78. Għalhekk, l-impożizzjoni ta' standard ġuridiku ogħla għall-evalwazzjoni tan-natura abbużiva tar-rifjut ta' tqegħid għad-dispożizzjoni hija ġġustifikata wkoll minn kunsiderazzjonijiet ekonomiċi, intiżi sabiex jitħarsu l-benefiċċji għal żmien twil għas-sitwazzjoni tal-kompetizzjoni f'termini ta' investimenti u ta' kreattività.

[20] Skont l-Ispjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (ĠU 2007, C 303, p. 17), l-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali huwa bbażat b'mod partikolari fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-libertà kuntrattwali.

79. Fil-qosor, dan l-ibbilanċjar doppju, l-ewwel wieħed bejn drittijiet fundamentali u kompetizzjoni libera, it-tieni wieħed bejn benefiċċji għal żmien qasir u benefiċċji għal żmien twil għas-sitwazzjoni tal-kompetizzjoni, jikkjarifika d-differenza fin-natura bejn l-issanzjonar tal-*kundizzjonijiet* ta' ftehim u l-issanzjonar ta' *rifjut ta' tqegħid għad-dispożizzjoni*. Hija din id-differenza fin-natura li tispjega l-impożizzjoni fis-sentenza Bronner ta' standard ġuridiku ogħla għall-evalwazzjoni tan-natura abbużiva ta' rifjut ta' tqegħid għad-dispożizzjoni.

### *d) Fuq in-natura żbaljata tal-kunċett ta' "rifjut impliċitu ta' aċċess"*

80. Wieħed mill-argumenti mressqa minn DT u ST favur l-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet Bronner għall-prattiki inkwistjoni huwa msejjes fuq il-kunċett ta' "rifjut impliċitu ta' aċċess". Skont DT u ST, il-ġurisprudenza Bronner għandha tiġi applikata mhux biss fl-ipoteżi ta' rifjut *espliċitu* ta' aċċess kif previst mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 37 tas-sentenza Bronner, imma wkoll fil-preżenza ta' kundizzjonijiet kuntrattwali inġusti imposti mill-impriża f'pożizzjoni dominanti u li jwasslu *de facto* għall-istess riżultat, jiġifieri rifjut *impliċitu* ta' aċċess.

81. Jien nista' nifhem l-attrazzjoni li għandu l-kunċett ta' "rifjut impliċitu ta' aċċess", sa fejn ċerti kundizzjonijiet kuntrattwali jistgħu, f'ċerti każijiet, jeskludu l-konklużjoni ta' ftehim. Madankollu, nenfasizza immedjatament li l-konċentrazzjoni artifiċjali fuq dan l-effett ta' ċerti kundizzjonijiet kuntrattwali ser twassal sabiex jiġi injorat il-kuntest ta' analiżi usa' li fuqu hija bbażata s-sentenza Bronner, u b'mod partikolari l-ibbilanċjar doppju li għadni kif fakkart il-kontenut tiegħu.

82. L-interess strateġiku ta' impriża f'pożizzjoni dominanti, bħal dik ifformata minn DT u ST, sabiex tressaq tali argument ibbażat fuq il-kunċett ta' "rifjut impliċitu", huwa evidenti. Kif spjegajt fil-punti 62 sa 65 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-estensjoni tal-kundizzjonijiet Bronner għal prattiki ġodda tippermetti li fl-istess nifs jitnaqqas l-effett utli tal-Artikolu 102 TFUE, jitnaqqas il-poter tal-Kummissjoni u jiżdied il-marġni ta' manuvra tal-impriżi f'pożizzjoni dominanti.

83. Min-naħa l-oħra, insibha iktar diffiċli biex nifhem l-insistenza tal-Kummissjoni li tuża din id-distinzjoni, kemm jekk issir f'din il-forma kif ukoll f'termini differenti li jiddistingwu bejn rifjut *kategoriku* u rifjut *impliċitu* ta' aċċess. Mistoqsija diversi drabi fuq dan is-suġġett waqt is-seduta, il-Kummissjoni sabitha diffiċli sabiex tispjega għalfejn il-prattiki inkwistjoni ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala "rifjut *impliċitu* ta' aċċess".

84. Fil-verità, dawn id-diffikultajiet isibu l-oriġini tagħhom fin-natura żbaljata tal-kunċett innifsu ta' "rifjut impliċitu ta' aċċess". Fil-fatt, dan il-kunċett, li ma jsib l-ebda sostenn la fis-sentenza Bronner u lanqas fil-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs f'din il-kawża, għandu portata elastika potenzjalment illimitata. Bħala eżempju, l-impożizzjoni ta' prezz inġust ma tikkostitwixxix rifjut impliċitu ta' aċċess?

85. Fl-estrem, jista' jiġi mistoqsi jekk hijiex *kwalunkwe* prattika abbużiva li tikkostitwixxi, b'ċertu mod, rifjut impliċitu ta' aċċess, għaliex kull żvantaġġ impost mill-impriża dominanti jista' jiskoraġġixxi lill-klijenti potenzjali milli jirrikorru għall-prodotti u għas-servizzi li toffri.

86. Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti tal-Ġustizzja għadha qatt ma applikat il-kundizzjonijiet Bronner, jew kriterju ġuridiku ekwivalenti, għal kundizzjonijiet kuntrattwali inġusti. Dan in-nuqqas ta' rilevanza tal-kundizzjonijiet Bronner huwa partikolarment impressjonanti f'dak li jikkonċerna l-prattiki tariffarji, li – kieku jeżisti dan il-kunċett – kienu jikkostitwixxu rifjut impliċitu ta' aċċess par excellence, minħabba n-natura determinanti li għandu l-prezz fuq is-sitwazzjoni tal-kompetizzjoni. Issa, fil-ġurisprudenza tagħha li tmur lura ħafna fuq

il-prezzijiet inġusti, il-Qorti tal-Ġustizzja qatt ma użat kriterju ġuridiku ekwivalenti għall-kundizzjonijiet Bronner [21].

87. Iktar reċentement, il-Qorti tal-Ġustizzja lanqas ma applikat il-kundizzjonijiet Bronner f'żewġ sentenzi li jikkonċernaw il-prattiki tariffarji ta' organizzazzjonijiet għall-amministrazzjoni kollettiva tad-drittijiet tal-awtur, minkejja li seta' raġonevolment jiġi preżunt li s-servizzi tagħhom kienu neċessarji għal ċerti attivitajiet downstream [22]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet ir-rilevanza tas-sentenza Bronner anki f'dak li jikkonċerna l-kompressjoni tal-marġni, li tikkostitwixxi kategorija speċifika ta' prattika tariffarji abbużiva, fis-sentenzi TeliaSonera Sverige [23] kif ukoll Telefónica u Telefónica de España vs Il-Kummissjoni [24].

88. Fil-qosor, il-Qorti tal-Ġustizzja għadha qatt ma applikat il-kundizzjonijiet Bronner għall-prattiki tariffarji abbużivi anki jekk dawn il-prattiki jikkostitwixxu rifjut impliċitu ta' aċċess par excellence.

89. Għaldaqstant, jekk illum tali prattiki jiġu assimilati ma' rifjut impliċitu ta' aċċess, dan iwassal sabiex jinqalbu sezzjonijiet sħaħ mill-ġurisprudenza dwar il-prattiki abbużivi, u sabiex il-kundizzjonijiet Bronner jitpoġġew fil-qalba stess tal-Artikolu 102 TFUE. Is-sentenza Bronner issir il-prinċipju, u ma tibqax iktar każ partikolari, li jmur kontra l-kliem stess tal-Artikolu 102 TFUE, li l-portata tiegħu ma hijiex limitata għall-prattiki abbużivi li jirrigwardaw prodotti jew servizzi "indispensabbli" fis-sens ta' din is-sentenza.

90. Sabiex jillimitaw il-portata ta' dan il-kunċett ta' "rifjut impliċitu", xi wħud jistgħu jsibuha opportun li jillimitaw dan il-kunċett għall-prattiki abbużivi l-iktar gravi. Bħala eżempju, huwa biss prezz inġust *ħafna* li jiġi kklassifikat bħala "rifjut impliċitu ta' aċċess", li jwassal għall-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet Bronner, filwaqt li l-prezzijiet *kemxejn* inġusti jibqgħu abbuż "sempliċi".

91. Jidhirli li dan ikun żball serju. Dan iwassal għall-introduzzjoni ta' sors kunsiderevoli ta' arbitrarjetà fil-qalba stess tad-dritt tal-kompetizzjoni, qasam fejn iċ-ċertezza legali hija ta' importanza primordjali għall-impriżi. Fil-fatt, il-linja ta' demarkazzjoni bejn rifjut impliċitu ta' aċċess u sempliċi abbuż ma tistax tkun ħlief waħda arbitrarja [25].

92. Barra minn hekk, din ir-riklassifikazzjoni tal-prattiki abbużivi l-iktar gravi bħala "rifjut impliċitu ta' aċċess" ser twassal għal sitwazzjoni tal-inqas paradossali. Fil-fatt, hija ser twassal sabiex il-kundizzjonijiet Bronner jiġu applikati għall-prattiki abbużivi l-iktar gravi – ikklassifikati bħala "rifjut impliċitu ta' aċċess" – u, għaldaqstant, tirrendi iktar diffiċli l-issanzjonar tagħhom. Fi kliem ieħor, l-abbużi l-iktar gravi (pereżempju, prezz inġust *ħafna*) ser ikunu suġġetti għal sistema ġuridika inqas stretta mill-abbużi inqas gravi (pereżempju, prezz *kemxejn* inġust).

21 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-13 ta' Novembru 1975, General Motors Continental vs Il-Kummissjoni (26/75, EU:C:1975:150, punti 11 u 12); tal-11 ta' Novembru 1986, British Leyland vs Il-Kummissjoni (226/84, EU:C:1986:421, punti 27 sa 30); tat-13 ta' Lulju 1989, Tournier (395/87, EU:C:1989:319, punt 38); tas-17 ta' Mejju 2001, TNT Traco (C-340/99, EU:C:2001:281, punti 46 u 47); tal-11 ta' Diċembru 2008, Kanal 5 u TV 4 (C-52/07, EU:C:2008:703, punti 28 u 29); u tas-16 ta' Lulju 2009, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland vs Il-Kummissjoni (C-385/07 P, EU:C:2009:456, punti 141 u 142).

22 Ara s-sentenzi tas-27 ta' Frar 2014, OSA (C-351/12, EU:C:2014:110, punti 87 u 88), u tal-14 ta' Settembru 2017, Autortiesību un komunicēšanās konsultāciju aģentūra – Latvijas Autoru apvienība (C-177/16, EU:C:2017:689, punti 35 sa 51).

23 Sentenza tas-17 ta' Frar 2011 (C-52/09, EU:C:2011:83, punti 55 sa 58).

24 Sentenza tal-10 ta' Lulju 2014 (C-295/12 P, EU:C:2014:2062, punt 96).

25 Bħala eżempju, minn liema livell prezz inġust ser isir rifjut impliċitu ta' aċċess? Meta l-prezz ikun iktar minn 200 % tal-ispejjeż inkorsi mill-impriża dominanti? Jew inkella 175 % ta' dawn l-ispejjeż? Sakemm ikun 150 % mill-prezz medju applikat fuq swieq identifikati bħala ekwivalenti? Nenfasizza li jidhirli li din id-demarkazzjoni hija saħansitra iktar diffiċli sabiex tiġi stabbilita f'dak li jikkonċerna l-kundizzjonijiet mhux tariffarji.

93. Għalhekk, kuntrarjament għall-argumenti tar-rikorrenti riassunti fil-punti 48 u 49 ta' dawn il-konklużjonijiet, huwa proprju l-kunċett innifsu ta' "rifjut impliċitu ta' aċċess" li ser iwassal sabiex l-aġir l-iktar gravi jiġi ttrattat b'mod iktar favorevoli.

94. Infakkar, f'dan ir-rigward, li l-gravità tal-aġir tal-impriża dominanti ma hijiex kriterju rilevanti għall-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' ksur tal-Artikolu 102 TFUE, kif innotat korrettament il-Kummissjoni. Il-gravità ssir rilevanti biss fl-istadju tal-istabbiliment tal-ammont tal-multa, konformement mal-Artikolu 23(3) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 [26].

95. Fl-aħħar mill-aħħar, l-iskop tal-kundizzjonijiet Bronner, imfakkar fil-punti 66 sa 79 ta' dawn il-konklużjonijiet, jinsab fid-differenza ta' natura bejn l-issanzjonar tal-kundizzjonijiet ta' ftehim u l-issanzjonar ta' rifjut ta' tqegħid għad-dispożizzjoni. Fid-dawl ta' din l-iskop, ma hemm l-ebda dubju, fil-fehma tiegħi, li l-kundizzjonijiet Bronner ma humiex intiżi li japplikaw għal kundizzjonijiet kuntrattwali inġusti.

96. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jidhirli imperattiv li jiġi miċħud il-kunċett ta' "rifjut impliċitu ta' aċċess" fil-kuntest tal-Artikolu 102 TFUE, kemm fis-sentenza li għandha tingħata kif ukoll f'kull kuntest ieħor.

### *e) Fuq l-inapplikabbiltà tal-kundizzjonijiet Bronner għall-prattiki inkwistjoni*

97. Wara li enfasizzajt l-interessi inkwistjoni f'din il-kawża, l-iskop tal-kundizzjonijiet Bronner u n-natura żbaljata tal-kunċett ta' rifjut ta' aċċess impliċitu, jifdalli neżamina jekk il-prattiki inkwistjoni jaqgħux fil-każ partikolari previst fis-sentenza Bronner, kif imfakkar fil-punti 56 u 57 ta' dawn il-konklużjonijiet.

98. Dan il-każ partikolari huwa dak ta' rifjut, minn impriża dominanti, li tqiegħed infrastruttura li tagħha hija l-proprjetarja għad-dispożizzjoni ta' impriża kompetitriċi waħda jew iktar.

99. Issa, il-prattiki inkwistjoni, deskritti fil-punt 37 ta' dawn il-konklużjonijiet, ma jaqgħux f'dan il-każ partikolari, kif innotat il-Qorti Ġenerali, mingħajr ma wettqet żball, fil-punti 98 u 99 tas-sentenza DT kif ukoll fil-punti 118 u 119 tas-sentenza ST.

100. Fil-fatt, ST ma rrifjutatx l-aċċess diżaggregat għaċ-ċirkwit lokali li tiegħu hija l-proprjetarja, imma imponiet kundizzjonijiet inġusti fuq l-impriżi li talbu li jkollhom aċċess għalih, kif enfasizzat korrettament il-Kummissjoni.

101. Huwa irrilevanti, f'dan ir-rigward, li ST kienet obbligata tagħti aċċess għaċ-ċirkwit lokali minħabba obbligi regolamentari. Il-konklużjoni kienet tkun identika li kieku ST għażlet liberament li tagħti aċċess għaċ-ċirkwit lokali. L-uniku element rilevanti, sabiex tiġi eskluża r-rilevanza tas-sentenza Bronner, huwa li ST ma rrifjutatx l-aċċess għal infrastruttura li tagħha hija l-proprjetarja.

102. Kuntrarjament għal dak li jallegaw DT u ST, din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mis-sentenza TeliaSonera Sverige [27], kif innotat korrettament il-Qorti Ġenerali fil-punti 106 sa 110 tas-sentenza DT, kif ukoll fil-punti 123 sa 127 tas-sentenza ST.

[26] Regolament tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101 u 102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205). Fi kliem l-Artikolu 23(3), "[fit]-twaħħil ta' l-ammont li jrid jiġi mmultat, rigward irrid jingħata lejn il-gravità u it-tul tal-ksur".

[27] Sentenza tas-17 ta' Frar 2011 (C-52/09, EU:C:2011:83).

103. Fil-punt 55 tas-sentenza TeliaSonera Sverige[28], il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, essenzjalment, li l-kundizzjonijiet Bronner, u b'mod partikolari r-rekwiżit ta' neċessità, ma kinux applikabbli għall-evalwazzjoni tan-natura abbużiva ta' aġir li jikkonsisti fl-issuġġettar tal-provvista ta' servizzi jew tal-bejgħ ta' prodotti għal kundizzjonijiet żvantaġġużi jew li fihom ix-xerrej jista' ma jkunx interessat.

104. Barra minn hekk, fil-punt 58 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li l-estensjoni tal-portata tas-sentenza Bronner għal kull aġir ta' impriża dominanti rigward il-kundizzjonijiet kummerċjali tagħha twassal "għall-ħtieġa [...] li jkunu dejjem sodisfatti l-kundizzjonijiet [Bronner], li jnaqqas inġustament l-effett utli tal-Artikolu 102 TFUE".

105. Meta għamlet dan, il-Qorti tal-Ġustizzja rrifjutat li ssegwi s-suġġeriment tal-Avukat Ġenerali Mazák f'dik il-kawża. Fil-fatt, dan kien argumenta favur it-teorija tar-rifjut *impliċitu* ta' provvista, u tal-obbligu korrelattiv li tiġi vverifikata n-natura indispensabbli tal-inputs, konformement mal-argument sostnut minn TeliaSonera Sverige, finalment miċħud, korrettament, mill-Qorti tal-Ġustizzja[29].

106. Hekk ukoll, fil-punt 96 tas-sentenza Telefónica u Telefónica de España vs Il-Kummissjoni[30], il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-kompressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet tikkostitwixxi forma awtonoma ta' abbuż differenti mir-rifjut ta' provvista, li għalih ma humiex applikabbli l-kundizzjonijiet Bronner.

107. Għalhekk, dawn iż-żewġ sentenzi kkonfermaw il-portata limitata tas-sentenza Bronner, li tirrappreżenta każ partikolari fil-qafas ġuridiku tal-Artikolu 102 TFUE.

108. Issa li ġie ppreċiżat dan, il-kritika ta' DT u ST dwar ir-riferimenti, fis-sentenzi DT u ST, għas-sentenzi Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni[31] u Post Danmark[32] kif ukoll għas-sentenza tal-Qorti Ġenerali Clearstream vs Il-Kummissjoni[33], għandha tiġi miċħuda bħala infondata. Fil-fatt, dawn l-argumenti huma intiżi sabiex jikkritikaw ir-raġunament li wassal lill-Qorti Ġenerali sabiex teskludi r-rilevanza tas-sentenza Bronner fiċ-ċirkustanzi ta' dawn il-kawżi. Imma, kif għadni kif ippreċiżajt, il-Qorti Ġenerali ma wettqet l-ebda żball ta' liġi f'dan ir-rigward.

109. Nasal, finalment, għall-eżami tal-aħħar argument invokat minn DT u ST, riassunt fil-punti 41 sa 44 ta' dawn il-konklużjonijiet. Dan l-argument huwa mmirat, b'mod partikolari, kontra l-punt 101 tas-sentenza DT u l-punt 121 tas-sentenza ST, li huma fformulati b'mod identiku:

"Għalhekk, peress li l-qafas regolamentari rilevanti jirrikonoxxi b'mod ċar in-neċessità ta' aċċess għan-netwerk lokali ta' [ST], sabiex jippermetti t-tnissil u l-iżvilupp ta' kompetizzjoni effettiva fis-suq Slovakk tas-servizzi tal-internet broadband, il-prova mill-Kummissjoni, li tali aċċess kellu natura neċessarja fis-sens tal-aħħar kundizzjoni stabbilita fil-punt 41 tas-sentenza [Bronner], ma hijiex meħtieġa."

[28] Sentenza tas-17 ta' Frar 2011 (C-52/09, EU:C:2011:83).

[29] Ara l-konklużjonijiet fil-kawża TeliaSonera Sverige (C-52/09, EU:C:2010:483, punti 11 sa 32 u, b'mod partikolari, il-punti 11 u 16).

[30] Sentenza tal-10 ta' Lulju 2014 (C-295/12 P, EU:C:2014:2062).

[31] Sentenza tal-14 ta' Ottubru 2010 (C-280/08 P, EU:C:2010:603).

[32] Sentenza tas-27 ta' Marzu 2012 (C-209/10, EU:C:2012:172, punt 23).

[33] Sentenza tad-9 ta' Settembru 2009 (T-301/04, EU:T:2009:317).

110. Skont DT u ST, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat b'mod żbaljat bħala ekwivalenti, minn naħa, l-eżami tan-neċessità mwettaq *ex ante* mill-awtorità regolatorja nazzjonali skont il-qafas regolamentari u, min-naħa l-oħra, l-eżami tan-natura indispensabbli li għandu jsir mill-Kummissjoni *ex post* b'applikazzjoni tal-Artikolu 102 TFUE kif interpretat fis-sentenza Bronner.

111. Jien nammetti li jidher diffiċli li dawn iż-żewġ tipi ta' eżami jiġu assimilati ma' xulxin, konformement ma' dak li jsostnu DT u ST. Madankollu, l-argument tagħhom huwa ineffettiv għaliex huwa bbażat fuq qari żbaljat tas-sentenzi appellati.

112. Fil-fatt, kuntrarjament għall-allegazzjonijiet ta' DT u ST, il-Qorti Ġenerali ma assimilatx dawn iż-żewġ tipi ta' eżami, imma ddeċidiet, korrettament, li l-kundizzjonijiet Bronner ma *humiex applikabbli* fiċ-ċirkustanzi ta' dawn il-kawżi.

113. Dan il-qari joħroġ, minn naħa, mill-kliem użat fil-punt 101 tas-sentenza DT u fil-punt 121 tas-sentenza ST, li t-test tagħhom huwa riprodott iktar il'quddiem, li ma jistabbilixxux ekwivalenza bejn dawn iż-żewġ tipi ta' eżami. Min-naħa l-oħra, dawn il-punti jagħmlu parti minn raġunament usa' żviluppat fil-punti 97 sa 105 tas-sentenza DT u fil-punti 117 sa 122 tas-sentenza ST, li fi tmiemu l-Qorti Ġenerali kkonkludiet, korrettament, li l-kundizzjonijiet Bronner sempliċement ma humiex applikabbli f'dawn iċ-ċirkustanzi.

114. Meta għamlet hekk, il-Qorti Ġenerali ma wettqet l-ebda żball ta' liġi. Kif fakkart fil-punt 101 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-element determinanti, sabiex tiġi eskluża r-rilevanza tas-sentenza Bronner, huwa li ST ma rrifjutatx l-aċċess għal infrastruttura li tagħha hija l-proprjetarja.

115. Barra minn hekk, fil-punt 97 tas-sentenza DT u fil-punt 117 tas-sentenza ST, il-Qorti Ġenerali fakkret korrettament li, billi l-leġiżlazzjoni relatata mas-settur tat-telekomunikazzjonijiet tiddefinixxi l-qafas legali applikabbli għal dan is-settur u billi, b'hekk, tikkontribwixxi biex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni li fihom impriża teżerċita l-attivitajiet tagħha fis-swieq ikkonċernati, hija tikkostitwixxi element rilevanti għall-applikazzjoni tal-Artikolu 102 TFUE għall-aġir adottat minn din l-impriża, kemm biex jiġu ddefiniti s-swieq ikkonċernati, kemm biex tiġi evalwata n-natura abbużiva ta' tali aġir u kemm biex jiġi ffissat l-ammont tal-multi [34].

116. F'dan il-każ, ma huwiex ikkontestat li l-qafas regolamentari kien jimponi obbligu ta' aċċess fuq ST, kif innotat il-Qorti Ġenerali fil-punti 99 u 100 tas-sentenza DT kif ukoll fil-punti 119 u 120 tas-sentenza ST.

117. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-ewwel aggravju ta' DT u l-ewwel aggravju ta' ST għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

[34] Sentenza tal-14 ta' Ottubru 2010, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni (C-280/08 P, EU:C:2010:603, punt 224).

### *B. Fuq it-tieni aggravju ta' DT*

#### *1. Sunt tal-argumenti invokati minn DT*

118. Bit-tieni aggravju tagħha, DT targumenta li s-sentenza DT hija vvizzjata minn żbalji ta' liġi f'dak li jikkonċerna l-applikazzjoni tal-prinċipju li l-influwenza determinanti fuq is-sussidjarja għandha tiġi effettivament eżerċitata mill-kumpannija omm. Fil-fatt, DT tinnota li l-Qorti Ġenerali fakkret korrettament, fil-punt 230 tas-sentenza DT, dan il-prinċipju imma madankollu hija wettqet żewġ tipi ta' żball fl-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju.

119. Bl-ewwel parti tat-tieni aggravju tagħha, DT tallega li l-Qorti Ġenerali qieset b'mod żbaljat li l-fatti li minnhom tirriżulta possibbiltà ta' eżerċizzju ta' influwenza determinanti jistgħu jintużaw ukoll bħala indizji ta' eżerċizzju effettiv ta' din l-influwenza determinanti.

120. Skont DT, fatti li minnhom tirriżulta biss possibbiltà ta' eżerċizzju ta' influwenza determinanti ma jistgħux jintużaw sabiex jiġi stabbilit l-eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti. Kwalunkwe interpretazzjoni oħra ġġib fix-xejn id-distinzjoni bejn possibbiltà ta' eżerċizzju u eżerċizzju effettiv, u twassal għal estensjoni illegali tal-preżunzjoni applikabbli għas-sussidjarji li huma miżmuma 100 % [35].

121. Skont DT, il-Qorti Ġenerali wettqet dan l-iżball diversi drabi fis-sentenza DT, billi kkunsidrat li l-indizji li jistabbilixxu sempliċi possibbiltà ta' eżerċizzju ta' influwenza determinanti jipprovaw l-eżerċizzju effettiv ta' tali influwenza:

– fil-punt 233 tas-sentenza DT, f'dak li jikkonċerna l-kumulu tal-funzjonijiet bejn is-sussidjarja u l-kumpannija omm;

– fil-punti 249 *et seq.* tas-sentenza DT, f'dak li jikkonċerna l-preżenza ta' eżekuttivi anzjani tar-rikorrenti fi ħdan il-bord tad-diretturi ta' ST;

– fil-punti 280 *et seq.* tas-sentenza DT, f'dak li jikkonċerna t-tqegħid għad-dispożizzjoni minn DT ta' kollaboraturi bl-għan li jitwettqu ċerti attivitajiet minn ST; u

– fil-punt 294 tas-sentenza DT, f'dak li jikkonċerna t-trażmissjoni minn ST ta' rapporti dwar il-politika kummerċjali tagħha.

122. Bit-tieni parti tat-tieni aggravju tagħha, DT targumenta li, fil-kuntest tal-klassifikazzjoni legali tal-fatti li fuqhom ibbażat ruħha l-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali applikat b'mod żbaljat il-prinċipju li effettivament kellha tiġi eżerċitata influwenza determinanti.

123. B'hekk, fil-punti 262, 273, 274 u 278 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat l-eżistenza ta' eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti abbażi ta' sempliċi possibbiltà ta' tali eżerċizzju u naqset milli teżamina b'mod separat l-eżistenza ta' dan l-eżerċizzju effettiv.

[35] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-16 ta' Novembru 2000, Stora Kopparbergs Bergslags vs Il-Kummissjoni (C-286/98 P, EU:C:2000:630, punt 29); tal-10 ta' Settembru 2009, Akzo Nobel *et* vs Il-Kummissjoni (C-97/08 P, EU:C:2009:536, punti 60 u 63); u tas-27 ta' April 2017, Akzo Nobel *et* vs Il-Kummissjoni (C-516/15 P, EU:C:2017:314, punt 54).

## *2. Risposta għall-argumenti invokati minn DT*

124. Infakkar, b'mod preliminari, li hija biss il-Qorti Ġenerali li għandha ġurisdizzjoni sabiex tikkonstata u tevalwa l-fatti u, bħala prinċipju, sabiex teżamina l-provi li tikkunsidra insostenn ta' dawn il-fatti. Għaldaqstant, din l-evalwazzjoni ma tikkostitwixxix, ħlief f'każ ta' żnaturament ta' dawn il-provi, punt ta' liġi suġġett, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja [36].

125. F'dan il-każ, DT ma allegatx l-eżistenza ta' żnaturament tal-provi eżaminati mill-Qorti Ġenerali. Għaldaqstant, ma għandhiex tkun il-Qorti tal-Ġustizzja, li tiddeċiedi fl-istadju tal-appell, li teżamina mill-ġdid il-valur probatorju tal-indizji fattwali msemmija minn DT fil-kuntest tat-tieni aggravju tagħha.

126. Nemmen li sabiex tiġi identifikata bi preċiżjoni l-portata tal-argument ta' DT, huwa utli li dan l-argument jitqiegħed fil-kuntest tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-imputabbiltà tal-aġir ta' sussidjarja lill-kumpannija omm, billi huwa mifhum li l-parteċipazzjoni ta' din il-kumpannija omm fil-kapital tas-sussidjarja hija dgħajfa wisq sabiex tkun koperta bil-preżunzjoni "Akzo Nobel" [37]. Matul il-perijodu rilevanti għal dawn il-kawżi, fil-fatt, DT kellha 51 % tal-kapital ta' ST [38].

127. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-kunċett ta' "impriża" jinkludi kull entità li teżerċita attività ekonomika, ikun xi jkun l-istatus ġuridiku ta' din l-entità u l-mod li bih hija ffinanzjata. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat, minn naħa, li l-kunċett ta' "impriża", meta jitqiegħed f'dan il-kuntest, għandu jinftiehem bħala li jkopri unità ekonomika anki jekk, mill-perspettiva ġuridika, din l-unità ekonomika hija magħmula minn diversi persuni fiżiċi jew ġuridiċi u, min-naħa l-oħra, li fejn tali entità ekonomika tikser ir-regoli tal-kompetizzjoni, hija għandha, skont il-prinċipju tar-responsabbiltà personali, tirrispondi għal tali ksur [39].

128. Hekk, l-aġir ta' kumpannija sussidjarja jista' jiġi imputat lill-kumpannija omm b'mod partikolari meta din tal-ewwel, għalkemm ikollha personalità ġuridika separata, ma tiddeterminax b'mod awtonomu l-aġir tagħha fis-suq iżda essenzjalment tapplika l-istruzzjonijiet li tingħata mill-kumpannija omm, b'mod partikolari fid-dawl tar-rabtiet ekonomiċi, organizzattivi u legali li jgħaqqdu lil dawn iż-żewġ entitajiet ġuridiċi [40].

129. Fil-fatt, f'tali sitwazzjoni, il-kumpannija omm u s-sussidjarja tagħha jiffurmaw parti mill-istess unità ekonomika u, għaldaqstant, jiffurmaw *impriża waħda*, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra iktar 'il fuq. Għalhekk, il-fatt li kumpannija omm u s-sussidjarja tagħha jikkostitwixxu

[36] Ara, pereżempju, is-sentenza tal-10 ta' Lulju 2014, Telefónica u Telefónica de España vs Il-Kummissjoni (C-295/12 P, EU:C:2014:2062, punt 84 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[37] Ara l-ġurisprudenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 3.

[38] Ara l-punt 6 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[39] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-29 ta' Marzu 2011, ArcelorMittal Luxembourg vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs ArcelorMittal Luxembourg *et* (C-201/09 P u C-216/09 P, EU:C:2011:190, punt 95); tad-29 ta' Settembru 2011, Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni (C-521/09 P, EU:C:2011:620, punt 53); u tas-26 ta' Ottubru 2017, Global Steel Wire *et* vs Il-Kummissjoni (C-457/16 P u C-459/16 P sa C-461/16 P, mhux ippubblikata, EU:C:2017:819, punti 81 u 82).

[40] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-10 ta' Settembru 2009, Akzo Nobel *et* vs Il-Kummissjoni (C-97/08 P, EU:C:2009:536, punt 58); tal-10 ta' April 2014, Areva *et* vs Il-Kummissjoni (C-247/11 P u C-253/11 P, EU:C:2014:257, punt 30); u tal-24 ta' Ġunju 2015, Fresh Del Monte Produce vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs Fresh Del Monte Produce (C-293/13 P u C-294/13 P, EU:C:2015:416, punt 75).

impriża waħda jippermetti lill-Kummissjoni tindirizza deċiżjoni li timponi multi lill-kumpannija omm, mingħajr ma jkun meħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi l-implikazzjoni personali ta' din tal-aħħar fil-ksur [41].

130. Fil-kuntest ta' din l-ispjegazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni dwar il-kunċett ekonomiku ta' "impriża", il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-kumpannija omm tistax teżerċita influwenza determinanti fuq l-aġir fis-suq tas-sussidjarja tagħha, jeħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-elementi kollha rilevanti dwar ir-rabtiet ekonomiċi, organizzattivi u legali li jgħaqqdu lis-sussidjarja mal-kumpannija omm tagħha u, għalhekk, li tittieħed inkunsiderazzjoni r-realtà ekonomika [42].

131. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet, f'dan ir-rigward, li l-Kummissjoni ma tistax sempliċement tikkonstata li l-kumpannija omm kienet *f'pożizzjoni* li teżerċita influwenza determinanti fuq l-aġir tas-sussidjarja tagħha, imma għandha tivverifika wkoll jekk din l-influwenza ġietx *effettivament* eżerċitata [43].

132. Fi kliem ieħor, għandha tkun il-Kummissjoni li turi, abbażi tal-elementi fattwali kollha, fosthom b'mod partikolari l-possibbli setgħa ta' tmexxija ta' waħda mill-entitajiet fil-konfront tal-oħra, li l-kumpannija omm effettivament teżerċita influwenza determinanti fuq is-sussidjarja tagħha [44].

133. F'dak li jikkonċerna l-metodu tal-prova, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti jista' jiġi dedott minn sensiela ta' elementi konkordanti, anki jekk l-ebda wieħed minn dawn l-elementi, meħud waħdu, ma jkun suffiċjenti sabiex jistabbilixxi l-eżistenza ta' tali influwenza [45].

134. Huwa f'dan l-istadju li jidħol l-argument ippreżentat minn DT fil-kuntest tat-tieni aggravju tagħha.

135. DT tallega li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet b'mod żbaljat li l-fatti li minnhom tirriżulta sempliċi *possibbiltà* ta' eżerċizzju ta' influwenza determinanti jistgħu jintużaw ukoll bħala indizji ta' *eżerċizzju effettiv* ta' din l-influwenza determinanti.

[41] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-10 ta' Settembru 2009, Akzo Nobel *et* vs Il-Kummissjoni (C-97/08 P, EU:C:2009:536, punt 59); tas-26 ta' Settembru 2013, The Dow Chemical Company vs Il-Kummissjoni (C-179/12 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:605, punt 53); u tas-27 ta' April 2017, Akzo Nobel *et* vs Il-Kummissjoni (C-516/15 P, EU:C:2017:314, punt 53).

[42] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-24 ta' Ġunju 2015, Fresh Del Monte Produce vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs Fresh Del Monte Produce (C-293/13 P u C-294/13 P, EU:C:2015:416, punt 76), u tat-18 ta' Jannar 2017, Toshiba vs Il-Kummissjoni (C-623/15 P, mhux ippubblikata, EU:C:2017:21, punt 46).

[43] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-26 ta' Settembru 2013, The Dow Chemical Company vs Il-Kummissjoni (C-179/12 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:605, punt 55), u tas-26 ta' Settembru 2013, EI du Pont de Nemours vs Il-Kummissjoni (C-172/12 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:601, punt 44). Dan ir-rekwiżit ġie wkoll regolarment iddikjarat mill-Qorti Ġenerali: ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-15 ta' Lulju 2015, Socitrel u Companhia Previdente vs Il-Kummissjoni (T-413/10 u T-414/10, EU:T:2015:500, punt 200); tad-9 ta' Settembru 2015, Toshiba vs Il-Kummissjoni (T-104/13, EU:T:2015:610, punt 95); u tat-12 ta' Lulju 2018, The Goldman Sachs Group vs Il-Kummissjoni (T-419/14, EU:T:2018:445, punt 84).

[44] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-26 ta' Settembru 2013, EI du Pont de Nemours vs Il-Kummissjoni (C-172/12 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:601, punt 47); tas-26 ta' Settembru 2013, The Dow Chemical Company vs Il-Kummissjoni (C-179/12 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:605, punt 67); u tat-18 ta' Jannar 2017, Toshiba vs Il-Kummissjoni (C-623/15 P, mhux ippubblikata, EU:C:2017:21, punt 48).

[45] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-24 ta' Ġunju 2015, Fresh Del Monte Produce vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs Fresh Del Monte Produce (C-293/13 P u C-294/13 P, EU:C:2015:416, punt 77), u tat-18 ta' Jannar 2017, Toshiba vs Il-Kummissjoni (C-623/15 P, mhux ippubblikata, EU:C:2017:21, punt 47).

136. Fi kliem ieħor, DT tfittex li teskludi kategorija sħiħa ta' indizji fattwali, jiġifieri dawk li minnhom tirriżulta possibbiltà ta' eżerċizzju ta' influwenza determinanti, mill-provi li jistgħu jintużaw mill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi l-eżerċizzju effettiv ta' tali influwenza.

137. Jidhirli li dan l-argument huwa kompletament infondat, għal tliet raġunijiet.

138. L-ewwel, tali limitazzjoni ma tirriżulta minn imkien fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-imputabbiltà tal-aġir ta' sussidjarja lill-kumpannija omm, li jien ġbart fil-qosor hawn fuq.

139. B'mod iktar speċifiku, minn din il-ġurisprudenza jirriżulta espressament li l-eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti jista' jiġi dedott minn sensiela ta' elementi konkordanti, anki jekk l-ebda wieħed minn dawn l-elementi, meħud waħdu, ma jkun suffiċjenti sabiex jistabbilixxi l-eżistenza ta' tali influwenza [46]. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ma stabbilixxiet l-ebda limitazzjoni u lanqas xi kriterju dwar l-elementi konkordanti li jistgħu jintużaw mill-Kummissjoni.

140. It-tieni, ma nara l-ebda raġuni loġika li tiġġustifika l-esklużjoni li l-istess indizju fattwali jkun jista', fl-istess waqt, jikkontribwixxi sabiex juri l-*possibbiltà* ta' influwenza determinanti, minn naħa, u l-*eżerċizzju effettiv* ta' din l-influwenza, min-naħa l-oħra.

141. Naturalment, sensiela ta' indizji li jistabbilixxu l-eżerċizzju effettiv għandha tkun iktar b'saħħitha u iktar iddettaljata minn sensiela ta' indizji li jistabbilixxu sempliċi possibbiltà. Il-fatt jibqa' li l-istess indizju fattwali jista' jkun validament sfruttat kemm f'kuntest kif ukoll fl-ieħor.

142. It-tielet, jidhirli li l-argument ta' DT ser iwassal, fil-prattika, sabiex jillimita l-elementi fattwali li jistgħu jintużaw mill-Kummissjoni għall-provi "flagranti" biss [47] bħalma huwa, pereżempju, messaġġ miktub li jinkludi istruzzjoni mill-kumpannija omm li tordna lis-sussidjarja temenda l-politika tagħha dwar il-prezzijiet.

143. Imma l-Kummissjoni jista' jkollha tali provi flagranti għad-dispożizzjoni tagħha f'każijiet rari biss. Għaldaqstant, sabiex tiġi ggarantita l-effettività tal-azzjoni tal-Kummissjoni fil-qasam tal-kompetizzjoni, huwa imperattiv li hija tkun tista' tibbaża ruħha fuq kwalunkwe indizju fattwali, bil-kundizzjoni li s-sensiela ta' dawn l-indizji fattwali, fl-intier tagħhom, għandha tistabbilixxi l-eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti.

144. Kif enfasizzat il-Kummissjoni, jekk ikollu jiġi segwit ir-raġunament ta' DT, in-natura utilizzabbli ta' ċerti fatti u indizji ser tkun tiddependi fuq kriterji formali u mhux adattati għar-realtà ekonomika tal-impriżi.

145. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-premessa li fuqha huwa bbażat it-tieni aggravju ta' DT hija żbaljata, b'mod li dan l-aggravju għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

[46] Ara l-punt 133 ta' dawn il-konklużjonijiet u l-ġurisprudenza ċċitata.

[47] "Flagranti" hija self mil-Latin klassiku *flagrans* (taħraq, infjammanti), użat b'mod figurattiv (viżibbli u immedjat bħan-nar) fil-Latin ġuridiku baxx fil-frażi *flagranti crimine* (*in flagrante delicto*). L-aġġettiv huwa applikabbli għal dak li jitwettaq taħt għajnejn il-persuna li tikkonstatah, fir-rigward ta' reat, minn fejn toħroġ l-espressjoni "*in flagrante delicto*". Ara Rey, A., *Dictionnaire historique de la langue française*, Le Robert, Pariġi, 2016.

### *C. Fuq it-tielet aggravju ta' DT*

#### *1. Sunt tal-argumenti invokati minn DT*

146. Bit-tielet aggravju tagħha, DT issostni li s-sentenza DT hija vvizzjata minn żbalji ta' liġi f'dak li jikkonċerna l-applikazzjoni tal-prinċipju li jeħtieġ li s-sussidjarja tkun essenzjalment applikat l-istruzzjonijiet li jkunu ngħatawlha mill-kumpannija omm.

147. Skont DT, mill-ġurisprudenza stabbilita wara s-sentenza Imperial Chemical Industries vs Il-Kummissjoni [48] jirriżulta li l-imputabbiltà tal-aġir ta' sussidjarja lill-kumpannija omm teħtieġ li jiġu ssodisfatti erba' kundizzjonijiet kumulattivi:

– il-kumpannija omm għandha tkun f'pożizzjoni li teżerċita influwenza determinanti;

– il-kumpannija omm għandha effettivament tkun eżerċitat tali influwenza determinanti;

– is-sussidjarja ma tkunx iddeterminat, minħabba din ir-raġuni, l-aġir tagħha fis-suq b'mod awtonomu; u

– is-sussidjarja tkun essenzjalment applikat l-istruzzjonijiet li ngħatawlha mill-kumpannija omm.

148. Ir-raba kundizzjoni, li teħtieġ li s-sussidjarja tkun *essenzjalment* applikat l-istruzzjonijiet li ngħatawlha mill-kumpannija omm, għandha sservi sabiex tiġi vverifikata n-natura rilevanti tal-influwenza determinanti eżerċitata mill-kumpannija omm.

149. Skont DT, il-Qorti Ġenerali, f'dan ir-rigward, sempliċement ikkonstatat, minn naħa, li l-eżistenza ta' ċerta awtonomija tas-sussidjarja ma hijiex inkompatibbli mal-appartenenza ta' din is-sussidjarja lill-istess unità ekonomika bħall-kumpannija omm tagħha (punt 470 tas-sentenza DT) u, min-naħa l-oħra, li l-istrateġija ġenerali ta' ST fis-suq kienet iddefinita minn DT (punt 471 tas-sentenza DT).

150. F'dak li jikkonċerna t-tieni konstatazzjoni, DT tippreċiża li din ma hijiex sostnuta mill-punti 237 sa 464 tas-sentenza DT li għalihom irreferiet il-Qorti Ġenerali fil-punt 471 tal-imsemmija sentenza. Skont DT, il-Qorti Ġenerali enumerat, f'dawn il-punti, diversi indizji tal-eżerċizzju minn DT ta' influwenza determinanti fuq ST, mingħajr ma b'daqshekk ikkonstatat l-eżistenza ta' struzzjonijiet konkreti mogħtija minn DT lil ST.

151. Għaldaqstant, u *a fortiori*, il-Qorti Ġenerali ma setgħetx tikkonstata li ST "essenzjalment" segwiet l-istruzzjonijiet ta' DT. DT iżżid li s-sentenza DT hija vvizzjata minn nuqqas ta' motivazzjoni f'dan ir-rigward.

#### *2. Risposta għall-argumenti invokati minn DT*

152. It-tielet aggravju ta' DT huwa milqut bl-istess vizzju irrimedjabbli bħal dak li jolqot l-ewwel u t-tieni aggravji tagħha, jiġifieri dak ta' premessa żbaljata.

[48] Sentenza tal-14 ta' Lulju 1972 (48/69, EU:C:1972:70, punt 137).

153. Fil-fatt, kuntrarjament għal dak li ssostni DT, il-Qorti tal-Ġustizzja qatt ma ddeċidiet li l-imputabbiltà tal-aġir ta' sussidjarja lill-kumpannija omm hija suġġetta għall-kundizzjoni li għandhom jiġu ssodisfatti l-erba' kundizzjonijiet imsemmija fil-punt 147 ta' dawn il-konklużjonijiet.

154. Fil-verità jeżisti kriterju wieħed rilevanti f'dan ir-rigward, jiġifieri dak tal-eżistenza ta' *unità* ekonomika, fi kliem ieħor ta' impriża, ifformata mill-kumpannija omm u s-sussidjarja, kif targumenta korrettament il-Kummissjoni. Huwa biss f'dan il-każ partikolari li l-Kummissjoni tkun awtorizzata li timputa l-aġir tas-sussidjarja lill-kumpannija omm jew, fi kliem ieħor, tneħħi l-"velu tal-kumpannija" bejn strutturi ġuridiċi distinti sabiex tiżdied l-effettività tad-dritt tal-kompetizzjoni [49].

155. Huwa fid-dawl ta' dawn il-prinċipji li għandu jiftiehem l-istatus tal-erba' kundizzjonijiet imsemmija minn DT.

156. Jidhirli li l-Qorti tal-Ġustizzja identifikat, *f'dan l-istadju* tal-iżvilupp tal-ġurisprudenza tagħha, żewġ toroq probatorji li jippermettu lill-Kummissjoni tistabbilixxi konkretament l-eżistenza ta' unità ekonomika bejn kumpannija omm u s-sussidjarja tagħha:

– il-Kummissjoni tista', minn naħa, tistabbilixxi li l-kumpannija omm għandha l-kapaċità li teżerċita influwenza determinanti fuq l-aġir tas-sussidjarja u li barra minn hekk hija effettivament eżerċitat din l-influwenza [50];

– hija tista', min-naħa l-oħra, tipprova li din is-sussidjarja ma tiddeterminax b'mod awtonomu l-aġir tagħha fis-suq, imma essenzjalment tapplika l-istruzzjonijiet li jingħatawlha mill-kumpannija omm, fir-rigward b'mod partikolari tar-rabtiet ekonomiċi, organizzattivi u legali li jgħaqqdu lil dawn iż-żewġ entitajiet ġuridiċi [51].

157. L-argument ta' DT huwa intiż, essenzjalment, sabiex jgħaqqad dawn iż-żewġ toroq probatorji, billi tirrikjedi mingħand il-Kummissjoni li hija tressaq *prova doppja*: hija jkollha tistabbilixxi fl-istess waqt l-eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti mill-kumpannija omm *u* l-eżistenza ta' struzzjonijiet applikati essenzjalment mis-sussidjarja.

158. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubju, fil-fehma tiegħi, li dan l-argument huwa kompletament infondat, kemm fuq il-livell ġurisprudenzjali kif ukoll fuq il-livell loġiku.

159. Fuq il-livell ġurisprudenzjali, minn ebda sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jirriżulta li l-Kummissjoni għandha tkun obbligata li tressaq tali prova doppja.

160. Fuq il-livell loġiku, dawn iż-żewġ toroq *probatorji* għandhom l-istess għan, jiġifieri dak li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' unità ekonomika (jew ta' *impriża*) ifformata mill-kumpannija omm u s-sussidjarja. Għaldaqstant ser ikun superfluwu li jiġi rikjest mingħand il-Kummissjoni li hija ssegwi dawn iż-żewġ toroq simultanjament. Kif ippreċiżat il-Kummissjoni, dawn iż-żewġ toroq probatorji għandhom jiġu kkunsidrati bħala ekwivalenti.

49 Ara l-punt 127 ta' dawn il-konklużjonijiet u l-ġurisprudenza ċċitata.

50 Ara l-punti 130 sa 132 ta' dawn il-konklużjonijiet u l-ġurisprudenza ċċitata.

51 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-10 ta' Settembru 2009, Akzo Nobel *et* vs Il-Kummissjoni (C-97/08 P, EU:C:2009:536, punt 57); tas-27 ta' April 2017, Akzo Nobel *et* vs Il-Kummissjoni (C-516/15 P, EU:C:2017:314, punt 52); u tas-26 ta' Ottubru 2017, Global Steel Wire *et* vs Il-Kummissjoni (C-457/16 P u C-459/16 P à C-461/16 P, mhux ippubblikata, EU:C:2017:819, punt 83).

161. Fil-punt 471 tas-sentenza DT, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li, fid-dawl tal-elementi li jissemmew fil-punti 237 sa 464 tal-imsemmija sentenza u li jistabbilixxu l-influwenza determinanti li DT effettivament eżerċitat fuq ST, il-Kummissjoni kienet ikkonkludiet korrettament li dawn iż-żewġ entitajiet ġuridiċi jifformaw unità ekonomika waħda.

162. Għaldaqstant, u kuntrarjament għal dak li tippretendi DT, il-Qorti Ġenerali ma wettqet l-ebda żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-Kummissjoni ma kinitx obbligata tistabbilixxi, *ukoll*, li ST kienet *essenzjalment* segwiet l-istruzzjonijiet ta' DT.

163. Nippreċiża wkoll li, konformement mar-rekwiżiti ta' ġurisprudenza stabbilita[52], il-motivazzjoni ta' sentenza għandha tindika b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-Qorti Ġenerali, sabiex il-persuni kkonċernati jkunu jistgħu jidentifikaw il-ġustifikazzjonijiet tad-deċiżjoni meħuda u sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' teżerċita l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha.

164. Issa, il-punti 237 sa 473 tas-sentenza DT effettivament juru, b'mod ċar, inekwivoku u ddettaljat, il-motivi li abbażi tagħhom il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li DT u ST kienu jifformaw unità ekonomika waħda.

165. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li t-tielet aggravju ta' DT għandu wkoll jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

## VIII. Konklużjoni

166. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, u bla ħsara għall-mertu tal-aggravji l-oħra tal-appelli, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tiċħad l-ewwel tliet aggravji mqajma minn Deutsche Telekom AG fil-Kawża C-152/19 P, kif ukoll l-ewwel aggravju mqajjem minn Slovak Telekom a.s. fil-Kawża C-165/19 P.

52 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-11 ta' Lulju 2013, Ziegler vs Il-Kummissjoni (C-439/11 P, EU:C:2013:513, punt 81); tal-25 ta' Ottubru 2017, PPG u SNF vs ECHA (C-650/15 P, EU:C:2017:802, punt 44); u tad-19 ta' Diċembru 2019, HK vs Il-Kummissjoni (C-460/18 P, EU:C:2019:1119, punt 38).